MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 645/2002/1

**John Abela Ltd.**

**Vs.**

**Almeco Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li bih s-socjeta attrici tablet il-hlas ta’ Lm1250 rappresentanti spejjes inkorsi mis-societa attrici wara struzzjonijiet mis-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta fejn is-socjeta konvenuta sostniet li l-ammont mitlub mhux dovut u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa ecessiv.

Ra d-dokumenti esebiti

Sema x-xhieda

Ikkunsidra li Charles sive Carmelo Abela xehed li rappresentanti ta-societa konvenuta talbu li s-societa attrici tiehu trailer minn Malta ghall-Ingliterra. Sar ftehim li dan issir bil-prezz ta' Lm1550. Il-ftehim kien li fit-12 ta' Gunju 2001 s-socjeta attrici tigbor it-trailer u dan jigi "shippjat" fil-15 ta' Gunju 2001. Billi kien hemm sekwestru t-trailer ma setax jitlaq minn Malta. Sar ftehim iehor li s-societa konvenuta kellha tnehhi s-sekwestru u l-vapur kellu jitlaq fit-18 ta' Gunju 2001. Is-socjeta attrici kienet ghamlet l-arrangamenti sabiex d-driver li kienu baghtu ghal Salerno jerga jitla ghal Genova. Fit-18 ta' Gunju 2001 s-sekwestru kien ghadu validu.

Illi fl-20 ta' Gunju 2001 s-societa attrici rceviet struzzjonijiet sabiex it-trailer jintbaghat ma' vapur iehor ghal Reggio Calabria. Is-societa attrici ma setax jaccetta dawk l-istruzzjonijiet ghaliex ma kellhiex bizzejjed pre-avviz.

Fit-23 ta' Gunju 2001 filghodu Silvio Borg ghas-societa konvenuta talab li t-trailer jintbaghat Salerno u sabiex s-societa attrici tassikura li hemm truck b'zewg drivers halli dan it-truck jaghmel vjagg malajr ghall-Ingliterra.

Is-societa attrici taw struzzjonijeit biex truck jmur minn Genova ghal Salerno.

Carmelo Abela zied qal li imbaghad sar jaf li s-societa konvenuta kienet hadet il-merkanzija minn got-trailer.

Silvio Borg ghas-societa konvenuta qal li jaqbel max-xhieda tal-attur sakemm ddiskriva dak li gara wara l-erbgha filghaxija. Silvio Borg qal li l-Hamis kien cempel lil Lino Abela u talbu li jibghatu trailer Salerno. Lino Abela irrispondih li ma kellux drivers f'Salerno. Silvio Borg qal li ghalhekk hu talab li zewg drivers imorru minn Genova sa Salerno sabiex jigbru t-trailer. Lino Abela qal li kien se icempillu wara siegha jew saghtejn. Meta Borg ra li Abela ma kienx cempel hu irranga ma haddierhor. Imbaghad Abela cempillu sabiex jikkonferma li kien ta struzzjonijiet sabiex zewg drivers imorru minn Genova sa Salerno.

Borg qal li kien informa lil Abela li dan kellu jikkonferma mieghu l-ewwel.

Silvio Borg qal li meta sab xi hadd iehor biex jiehu t-trailer ma kienx informa lis-societa attrici b'dan. Dwar id-dokument CA 2 Borg qal li jikkontesta it-tieni item u items 4, 5, u 6.

Silvio Borg qal li suppost it-trasport kollu kien se jigi Lm1500 u s-societa attrici qieghda titlob Lm1250 bhala danni.

Illi s-societa konvenuta qieghda taccetta li ghandha thallas Lm40 in konnessjoni ma' "haulage of empty trailer from yard at Qormi to factory at Hal Far" u "haulage of empty traler from factory at Hal Far to yard at Qormi".

Illi l-ammonti l-ohra huma kontestati.

Illi dwar kera ta' trailer. Ma hemmx dubju li s-societa attrici pprovdiet trailer ghal 11 il-gurnata u ma kienx tort tas-socjeta attrici li kien hemm sekwestru. Is-socjeta attrici tikkalkola Lm25 kuljum.

Illi dwar l-item 4: kien fuq talba tas-societa konvenuta li s-societa attrici baghtet truck minn Genova sa Salerno u lura. Illi ghalkemm s-societa konvenuta qalet li qieghda tikkontesta dan l-item meta xehed Silvio Borg ma spjegax ghalfejn ma ghandux ihallas dan l-ammont.

Illi fix-xhieda tieghu Silvio Borg qal li kien talab jintbaghat it-trailer izda billi Lino Abela ma kienx tah risposta kien gab il-haddiehor.

Illi hadd mill-partijiet gab lil Lino Abela biex jixhed. Illi s-societa konvenuta kienet taghat inkarigu lis-socjeta attrici izda kien hemm diversi problemi li ghalihom ma kienitx risponsabbli s-socjeta attrici. Fl-ahhar skond is-socjeta konvenuta hi talbet li issir l-vjagg u kienet qieghda tistenna risposta. Meta ma kienx hemm risposta fi zmien siegha jew saghtejn l-istess societa attrici minghajr ma informat lis-societa konvenuta qabdet u hadet il-merkanzija ghand

haddiehor. Illi skond Carmelo Abela ma kienx hemm bzonn ta' konferma ghal istruzzjonijiet – s-socjeta konvenuta kienet hadet l-inkarigu u ghamlet x-xoghol taghha.

Illi s-socjeta konvenuta kienet irceviet l-ittra esebit bhala Dok A izda naqset li tirrispondi ghal l-istess ittra.

Illi s-socjeta attrici kkalkolat l-ammonti ta' danni li sofriet. Ma kienx hemm ftehim dwar kemm se jigi jiswa ghas-societa konvenuta jekk is-socjeta attrici tibghat truck minn Genova ghal Salerno. Wiehed ma ghandux jippretendi li s-socjeta attrici tahdem u tidhol f'spejjes minghajr kumpens. Huwa veru illi "omnia labor optat praemium" izda dan it-Tribunal jrid jezamina jekk l-ammont mitlub huwa verament l-ispejjes li sofriet is-socjeta attrici. Illi fic-cirkostanzi billi s-socjeta attrici ma gabitx provi li verament sofriet l-ispejjes ta' Lm850 ghal zewg vjaggi minn Genova ghal Salerno, ma hemmx provi dwar xiri ta' petrol u spejjes ohra, u billi ma ingabitx provi li kien hemm ftehim dwar Lm25 kuljum ghal kiri ta' trailer, it-Tribunal se jirriduci t-talba attrici ghal Lm850.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u jikkundanna lis-societa konvenuta sabiex thallas Lm850 lis-socjeta attrici u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**